MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Numru. 839/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs.**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmel Camilleri**, ta’ tletin (30) sena, imwieled Pieta’ nhar il-15 ta’ Marzu, 1975, iben Alfred u Teresa xebba Agius, u residenti 140, Triq Santu Rokku, Birkirkara, detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 171375(M), akkuzat talli fl-20 ta’ Lulju 2012 fi Triq

Santa Liena, Birkirkara fil-hdax neqsin kwart ta' filghaxija (22:45hrs) u fil-hinijet ta' wara:

1. ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Antonella Bartolo, numru tal-Karta tal-Identita' 380183M skont kif iccertifikat minn Dr. Amanda Bartolo M.D., numru mediku 3013, minn Dr. Sarah Azzopardi M.D., numru mediku 3368 kif ukoll minn Dr. Andrew Atkins M.D., numru mediku 302 ilkoll mill-Isptar Mater Dei;

2. volontarjament kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied;

3. ingurja jew hedded bil-kliem lil Antonella Bartolo.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Antonella Bartolo u/jew ta' persuni ohra u/jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "CF 29" – *a fol.* 16).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 17).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza.

Semghet it-trattazzjoni finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 79 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012, xehed **PS 3 Kevin Grima** (*a fol.* 19 *et seq.)* fejn xehed rigward ir-rapport redatt minnu li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "KG 7" (*a fol.* 26 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012, xehdet ukoll l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Carol Fabri** (*a fol.* 33 *et seq.)* fejn xehdet rigward l-investigazzjonijiet redatti minnha u ezebiet numru ta' dokumenti, fosthom ritratti li gew mghoddija lilha mill-parti leza, u kif ukoll numru ta' certifikati medici.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2013, xehdet **Antonella Bartolo** (*a fol.* 45 *et seq.)* fejn bdiet billi tispjega illi kienet habiba sew ma' Doreen Camilleri (mart l-imputat). Tghid li dakinhar tal-20 ta' Lulju 2012 it-tifel taghha qalilha li Doreen ghajtet mieghu, hi cemplet lil Doreen u fost ir-rabja li kien hemm fuq it-telefonata, Doreen Camilleri qaltilha li kienet ser tmur ghandha biex tkellimha. Tixhed: *"U jien kont qed niknes u nisbarazza l-kcina u*

*nisma l-qanpiena. Hrigt u nara lil Doreen Camilleri. U bdiet tghidli "ejja, ejja". Qbizt jien u ghidtilha "ejja inti" u f'daqqa wahda mill-bieb l-ahmar johrog Charles Camilleri [l-imputat] faqqali tlett daqqiet ta' ponn go ghajnejja. Jien bqajt niezla [lura] […] Kien hemm hadida ta' fire place u waddabieli fuq saqajja"* (*a fol.* 46). Tghid li omm Doreen wadbitilha qasrija fuq rasha u li missier Doreen ixxutjaha. Rigward il-griehi sofferti minnha, tghid: *"ghandi erba' ksur f'wicci. Nofs wicci pparalizzat, qatghali n-nerv ta' snieni"* (*a fol.* 47). Mistoqsija rigward xi trattament kienet qed tiehu tghid li minn Lulju 2012 sa meta xehdet (Jannar 2013) *"trattamenti m'ghandhiex niehu imma la niekol li rrid"* (*a fol.* 48).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **Cedric Borg** (*a fol.* 49 *et seq.)* fejn qal li kien id-dar u sema twerzieq gej minn Antonella, li ghandu t-tfal minnha u li kienet id-dar tieghu ukoll dakinhar, u x'hin hareg barra sab lill-imputat fuqha. Jghid li l-imputat beda jaghtiha lil Antonella u li x'hin hareg hu (Cedric) l-istorja waqfet. Jghid li kien ghad fadal xi ghajjat. Jghid li lill-imputat ma kienx messu u li hu u l-imputat kienu hbieb. Jghid li ra lill-imputat jaghti bil-ponn lil Antonella. Jghid li wicc Antonella kien mimli daqqiet.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li, jekk jidhirlu sew, qabel gara dak li gara kien hemm xi telefonata. Jghid li ma ssemmewx telefonati anonimi. Jispjega li f'idejh kellu sigarett tal-elettriku. Jichad li kellu sikkina.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013, xehdet **Dr. Amanda Bartolo** (*a fol.* 55 *et seq.)* fejn qalet li rat lill-parti leza minn naha tad-Dipartiment tal-ENT. Filwaqt li kkonfermat li c-certifikat mediku Dok. "CF 24" (*a fol.* 39) gie rilaxxat minnha,

ikkonfermat ukoll il-kontenut tieghu. Tghid li bhala feriti kienu gravi.

In kontro-ezami tghid li ma tafx kemm damet biex fieqet il-parti leza peress li sa, fejn tiftakar hi, darba biss ratha.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013, xehdet ukoll **Dr. Sarah Azzopardi** (*a fol.* 58 *et seq.)* fejn ikkonfermat li c-certifikat mediku Dok. "CF 22" (*a fol.* 37) gie rilaxxat minnha u kkonfermat ukoll il-kontenut tieghu. Tghid li bhala feriti kienu gravi.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **Dr. Andrew Atkins** (*a fol.* 60 *et seq.)* fejn ikkonferma li c-certifikat mediku Dok. "CF 23" (*a fol.* 38) gie rilaxxat minnu u kkonferma wkoll il-kontenut tieghu. Jghid li bhala feriti kienu gravi. Jixhed: *"jekk kien hemm question mark jekk sinna minnhom kelliex izzommm il-hajja taghha u fil-fatt komplejt naraha jien u spiccajt, irrizulta li s-sinna tilfet il-hajja taghha propju u kelli bzonn naghmilha root treatment, jitnehha n-nerf tas-sinna biex inkomplu nsalvaw"* (*a fol.* 61).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013, id-difiza verbalizzat (*a fol.* 54) li kienet qed taccetta l-kontenut tac-certifikat mediku (*a fol.* 40) rilaxxat minn **Dr. Moses Camilleri** u d-difiza ddikjarat li ma kienitx qed tikkontesta li l-griehi sofferti minn Antonella Bartolo kienu ta' natura gravi, u dana nghad minghajr pregudizzju ta' responsabilita tal-incident in kwistjoni.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, xehdet **Doreen Camilleri** (*a fol.* 63 *et seq.)* fejn bdiet billi qalet li l-imputat huwa zewgha u li hi u l-parti leza kienu hbieb. Tghid li f'daqqa wahda dak li jghix mal-parti leza qalilha (lil Doreen) biex hi ma tmurx aktar ghand il-parti leza ghax ma tridhiex. Tghid ukoll li l-parti leza kienet tibghat xi messaggi bil-*mobile* lil zewgha (l-imputat) bil-konsegwenza ta' liema kienet ser tkissrilhom iz-zwieg. Tixhed li dakinhar tal-akkadut, Antonella cemplitilha fuq il-*mobile* u bdiet tghajjat u tidghi u titkellem hazin u Doreen iddecidiet li tmur tkellimha dak il-hin. Tghid li hekk kif waslet ghand Antonella, Antonella harget bil-hadida tal-*fireplace* u: *"Imbaghad jien qbadtha u qbadt intiha biha"* (*a fol.* 67). Tghid li lehqu gew fl-idejn u li lahaq mar l-imputat. Tghid li zewghha l-imputat mar biex iferraqha. Tixhed li ommha (omm Doreen) kienet gejja mit-tombla. Tghid ukoll li anke missierha gie u li l-genituri taghha (ta' Doreen) kull ma ghamlu kien li zammew it-tfal. Tghid: *"m'ghamlu xejn, kemm zammewli t-tfal ghax ir-ragel gie jiddefendini naqra biex iferridna"* (*a fol.* 68). Tispjega li zewgha ntlaqat sakemm ferraqha. Tghid li Antonella ghajtet lil Cedric Borg u qaltlu biex igibilha sikkina, dan gabilha pero l-imputat zewgha tajjarha. Tghid: *"Iva, newwielhielha hu, daqshekk – ma harigx jiddefendiha, halliha hemm"* (*a fol.* 69).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-ewwel il-parti leza harget bil-lasta ta' xkupa u wara din telqitha u qabdet il-hadida tal-*fire-place* (*a fol.* 70). Terga' tixhed li s-sikkina newlilha u mhux is-*cigarette lighter*.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, xehed **Salvu Borg** (*a fol.* 73 *et seq.)* fejn beda billi qal li l-imputat huwa r-ragel ta' bintu. Mistoqsi jghid jekk kienx prezenti ghal xi incident jghid: *"Jiena gejt minn barra jiena u l-mara, u smajt l-ghajjat u l-istorbju u smajt lit-tfal jghajtu, ghidtilha gara xi haga lill-mara. U morna nittawlu u*

*l-inkwiet li nqala' ma rajt xejn, spicca kollox"* (*a fol.* 73). Jghid li kien spicca kollox meta wasal hu. In kontro-ezami jghid li lil Antonella lanqas biss kellimha.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, xehdet ukoll **Agnes Borg** (*a fol.* 75 *et seq.)* fejn qalet li l-imputat huwa r-ragel ta' bintha. Tghid li semghet l-istorbju, *"mort nittawwal u smajt lehen it-tifla u kien hemm it-tfal qed jigru, daqshekk"* (*a fol.* 75). Mistoqsija tghid jekk it-tilwima kienitx spiccat, tghid: *"Kwazi spiccat"* (*a fol.* 75). Mistoqsija tghid x'rat, wiegbet li Doreen u Antonella bdew jiggieldu u bdew jitghajjru. Tghid li l-glieda kienet bejn iz-zewg nisa.

In kontro-ezami mistoqsija tghid fejn kien l-imputat meta waslet hi, wiegbet: *"Kien qed jghidilhom biex jieqfu, kien qed iferraqhom qisu speci"* (*a fol.* 76). Tghid li hi ma dahlitx fiha. Tixhed: *"Jiena l-istorbju smajt, u mort nara u daqshekk jigifieri"* (*a fol.* 76).

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li kien hemm zmien fejn il-parti leza Antonella Bartolo u l-mara tal-imputat kienu hbieb pero gara li dawn ma baqghux aktar hbieb bil-konsegwenza li gara dak li gara dakinhar tal-20 ta' Lulju 2012.

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- li l-imputat fil-kawza odjerna huwa biss Carmel Camilleri, ir-ragel ta' Doreen Camilleri u ghaldaqstant il-Qorti ghandha tevalwa jekk il-provi li jirrizultaw mill-atti processwali jistghux iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta' Carmel Camilleri;

- minkejja li l-parti leza tghid li l-genituri ta' Doreen Camilleri kienu nvoluti b'mod fiziku fuqha fl-incident in kwistjoni, dan huwa michud minn Doreen Camilleri nnifisha u mill-genituri taghha stess;

- da parte taghha, il-parti leza tghid li l-imputat ta tlett daqqiet ta' ponn go ghajnejha u waddbielha hadida tal-*fire-place* fuq saqajha (*a fol.* 46). Doreen Camilleri tghid li hi u l-parti leza gew fl-idejn u li l-imputat mar semplicement iferraqhom (*a fol.* 67). Fix-xiehda tieghu Cedric Borg jispjega li ra lill-imputat fuq il-parti leza u rah ukoll jaghti bil-ponn lill-istess parti leza (*a fol.* 50).

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqsekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '*... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal*

*liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija mill-parti leza, meta hija qalet li l-imputat ta daqqiet ta' ponn go ghajnejha u waddbielha hadida tal-*fire-place* fuq saqajha, hija aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tal-parti leza u ta'

Doreen Camilleri fuq il-pedana tax-xhud, u dak li huma xehdu, u kif ukoll b'mod partikolari dak li xehed Cedric Borg.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni –**

**(Feriti ta' Natura Gravi fil-konfront ta' Antonella Bartolo:**

Illi fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel

> grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, apparti x-xiehda moghtija mill-parti leza (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn xehdet rigward il-griehi sofferti minnha, l-Qorti evalwat ukoll dak li gie verbalizzat mid-difiza fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 54) fir-rigward tac-certifikat mediku (*a fol.* 40) rilaxxat minn Dr. Moses Camilleri u evalwat ukoll ix-xiehda moghtija minn (a) Dr. Amanda Bartolo (*a fol.* 55 *et seq.)* fejn xehdet rigward ic-cerifikat mediku rilaxxat minnha (Dok. "CF 24" – *a fol.* 39), (b) Dr. Sarah Azzopardi (*a fol.* 58 *et seq.)* fejn xehdet rigward ic-cerifikat mediku rilaxxat minnha (Dok. "CF 22" – *a fol.* 37), u (c) Dr. Andrew Atkins (*a fol.* 60 *et seq.)* fejn xehed rigward ic-cerifikat mediku rilaxxat minnu (Dok. "CF 23" – *a fol.* 38). It-tlieta li huma jixhdu fuq il-griehi gravi, fosthom il-fratturi, sofferti mill-parti leza.

Illi m'hemmx dubju li mill-provi prodotti jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**

**(Ksur tal-Bon Ordni b'Ghajjat u Glied)**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati tat-tieni (2) imputazzjoni wkoll.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni –**

**(Ingurja jew Theddid bi Kliem)**:

Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentment pruvati.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew pruvati, il-Qorti tinnota li l-imputat ma jistghax jinvoka l-provokazzjoni f'dan il-kaz. Riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni neccessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza […] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti tinnota li l-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-parti leza kien wiehed li setgha jigi evitat. L-attakk tal-imputat fuq Antonella Bartolo, li sfat aggreditha wara li l-imputat u martu marru fejn kienet hi (!), huwa ta' min jistmerru. Il-vjolenza qatt m'ghandha tigi tollerata. Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti, filwaqt li ser tiehu in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm nghad, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti: n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati u kif ukoll il-fedina penali (Dok. "CF 27" – *a fol.* 9 *et seq.*) tal-istess imputat.

Illi, in segwitu ta' dan, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Minflok il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat tkun aktar opportuna fic-cirkostanzi bil-ghan li l-imputat jifhem li dak li huwa ghamel dakinhar tal-20 ta' Lulju 2012 fil-konfront ta' Antonella Bartolo kien hazin hafna u ma jergghax jirrepetih.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 214, 215, 216(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Antonella Bartolo ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------